MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2010

Numru. 243/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Sandra (Alexandra) Balzan ta' 38 sena mwielda nhar it-28 ta' Settembru 1969 gewwa H'Attard, bint Oliver u Carmen nee' Taliana u residenti gewwa Villa Anthea, Triq il-Gibjun, H'Attard detentrici ta' karta ta'l-identita' numru 418569(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Sandra (Alexandra) Balzan li permezz taghha hija giet akkuzata talli nhar l-14 ta' Jannar 2008 ghal habta ta' 3:45p.m. gewwa Triq il-Gibjun, H'Attard, ikkomettiet hsara volontarja fuq vettura ta'l-ghamla Volkswagen bin-numru

ta’ registrazzjoni GAT508 ghad-dannu ta’ Amadeo Balzan mir-Rahal il-Gdid, liema hsara tammonta ghal valur ta’ 831.17 Euro (Lm356.82) u dana ai termini ta’l-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkomettiet griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Amadeo Balzan skond ma iccertifikat it-tabib Dr. Alexandra Baldacchino M.D. mic-Centru tas-sahha tal-Mosta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala persuna illi bl-imgieba taghha ikkagunat lil haddiehor biza’ li ser tintuza  vjolenza kontrih je kontra ll-proprjeta tieghu jew kontra il-persuna jew il-proprjeta ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna imsemmija fl-artikolu 222(1) u dana ai termini ta’l-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tas-17 ta’ Marzu 2008 sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi din il-kawza ghandha bhala sfond problemi matrimonjali bejn l-imputata u zewgha Amadeo Balzan. Fil-fatt hemm proceduri ta’ separazzjoni pendenti u jidher illi hemm certu animosita bejniethom. Jirrizulta ukoll illi Amadeo Balzan kien allontana ruhu mid-dar matrimonjali ftit taz-zmien qabel ma inqala’ dana l-incident. Balzan izda kien ghadu imur fid-dar matrimonjali sabiex jara lil uliedu u fil-fatt huwa kien ghad ghandu c-cavetta ta’l-istess residenza matrimonjali. Illi essenzjalment f’dina l-kawza l-uniku xhieda li gew prodotti ghar-rigward tad-dinamika ta’l-incident kienu biss il-partijiet direttament involuti u cioe’ l-parti leza u l-imputata. Illi ghalkemm l-imputata tghid illi kien hemm gara kif ukoll missierha li wasal fuq il-

post li kienu xhieda ta’ dana l-incident, madanakollu hija naqset milli tressaq lil dawn in-nies bhala xhieda f’dina l-kawza. Ghalhekk il-Qorti ghandha zewg xhieda konfliggenti b’mod specjali ghar-rigward ta’ dak li wassal sabiex inqala’ dana d-disgwid bejn il-koppja Balzan. Filwaqt illi Amadeo Balzan jistqarr illi kienet martu li ipprovokatu, l-imputata min-naha taghha tghid illi kien zewgha li beda jipprovokaha. Jidher illi l-parti leza talab lill-imputata tiffirmalu xi cekkijiet appartenenti xi kumpanija, izda hija riedet iktar informazzjoni ghar-rigward ta’l-istess qabel taghmel dana u ghalhekk qalet lil zewgha illi hija riedet konferma qabel xejn minn ghand is-segretarja tieghu. Hawnhekk ir-ragel taghha oggezzjona ghal dana u ghalhekk inqala’ argument bejniethom. Amadeo Balzan jistqarr illi martu hebbet ghalih bdiet tattakkah u tigirfu. Jidher illi huwa hareg xi kurcifiss illi kellu fil-but tal-gakketta tieghu u beda jghajjar lil martu li hija mxajtna u beda jghamillha dana s-salib ma’ wiccha. Jidher illi l-imputata ma haditx gost b’dina r-reazzjoni ta’ zewgha u ghalhekk kif tghid hija stess irrabbjat. It-tfal taghhom li sfortunatament kienu presenti ghal dana l-incident bdew jitolbu lil missierhom biex jitlaq. L-imputata qabdet iz-zarbun tar-ragel u wadbitu ‘il barra fil-front garden. Amadeo Balzan hawnhekk hareg ‘il barra, martu segwitu u it-tghajjir kompla ghaddej barra mid-dar. Bir-rabja l-imputata tammetti illi qabdet qasrija tal-plastic li kien fiha il-hamrija u waddbitha fid-direzzjoni tal-vettura ta’ zewgha li dak il-hin kienet ipparkeggjata barra sabiex b’’hekk  sehhet il-hsara fil-vettura ta’l-imputat. Hawnhekk zewgha dahal fil-vettura tieghu, izda hija bdiet tigbed il-pum tal-bieba tal-vettura sabiex sehhet il-hsara f’din ukoll. L-imputata tikkontendi illi kien biss fil-mument illi missierha wasal fuq il-post wara li kienet cemplitlu hi stess, illi l-imputat saq minn fuq il-post, izda qabel ma ghamel dana huwa imbuttaha, hija waqqghet fl-art u meta saq kien ser jolqotha bil-vettura tieghu. Tikkontendi illi missierha huwa xhud ta’ dana kollu,  izda lil missierha qatt ma ressqitu bhala xhud fil-kawza.

Illi huwa fatt mhux inkontestat illi sehh argument bejn il-koppja Balzan. Jidher minghajr dubbju illi dana l-argument

kien frott ta’ pika esagerata li hemm bejn dina l-koppja, tant illi l-imgieba taghhom ma tistax titqies illi hija ta’ nies maturi u ta’ certu eta’. Di piu’ jidher sfortunatament illi dawn in-nies ma jiddejjqu xejn jiggieldu quddiem uliedhom u donnhom ftit jimpurthom il-hsara li tista’ tigi ikkaggjonata lit-tfal minhabba dawna l-argumenti bla bzonn fejn it-tnejn li huma johorgu barra mil-limitu ta’ imgieba “normali”.

Illi d-difiza tikkontendi illi r-reazzjoni ta’l-imputata ma kenitx hlief il-frott ta’l-agir provokatorju min-naha ta’l-imputat. Illi l-element tal-provokazzjoni huwa inkwadrat fil-proviso ghall-artikolu 325 li jitkellem dwar il-hsara volontarja, fejn jinghad : “Izda meta d-delitt ikun skuzabbli minhabba provokazzjoni ingusta, il-hati jehel, fil-kazijiet imsemmijin fil-paragrafi (a), (b) u (c), il-piena ta’ prigunerija  ghal zmien mhux izjed minn zewg terzi tal-piena imsemmija; u fil-kaz imsemmi fil-paragrafu (d) il-piena tal-kontravenzzjonijiet. … Meta tigi biex titqies l-iskuza ghandha tithares ir-regola fl-artikolu 235.”

Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Agius (deciza 05.03.1993) inghad is-segwenti:

**“…. Dana ifisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret filwaqt ta’l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero’ dejjem irid ikun hemm provokazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti, il-provokazzjoni (ingusta) li ghaliha jirreferi l-artikolu 325, mhux limitata jew arginata b’xi kriterji li jissemmew fl-artikoli 227, 229 u 230 tal-Kodici Kriminali. L-uniku kriterju li l-legislatur ghazel li jittrasporta mit-Titolu tad-Delitti kontra l-Persuna hu dak gia imsemmi ta’l-artikolu 235.” Il-gurista Francesco Antolisei, in konnessjoni ma’l-attenuanti generali tal-provokazzjoni prevista  fit-tieni inciz ta’l-artiklu 62 tal-Kodici Penali Taljana jghid hekk:**

***La situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio’ l’attenuante dovra ammettersi anche di fronte ad un***

***comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effettua, o per le ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc). Quanto alla reazione, non si richiede che sia proporzionato al fatto ingiusto. (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397).***

Illi ghalhekk hemm zewg elementi li isawru dana l-iskuzanti u cioe' fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza.

Illi mill-provi akkwiziti ma jirrizultax illi dana kien il-kaz ta' xi provokazzjoni ingusta u certament ma kenitx oggettivament riskontrabbli. Illi ir-reazzjoni ta'l-imputata ghall-agir ta' zewgha ma hija xejn hlief frott tal-pika minghajr ebda raguni li tezisti bejniethom. Illi ma jidhirx illi kwistjoni fuq iffirmar ta' cekk ghandha twassal ghal xi provokazzjoni ingusta. Ir-reazzjoni ta'l-imputata kienet anzi wahda sproporzjonata u esagerata ghal dak kollu li kien qed isehh, kif kienet ukoll esagerata r-reazzjoni ta' Amadeo Balzan ghall-intrasingenza ta' martu biex tiffirmalu xi cekkijiet. L-imputata dehrilha illi zewgha ma kellux ghalfejn johrog xi salib mill-but u jibda jallega li hija imxajtna u bhala reazzjoni hija waddbitlu iz-zarbun 'il barra, Harget barra' warajh kompliet tghajjru (kif jidher del resto li kien qed ighajjarha hu ukoll) u di piu' tghat daqqa ta' sieq fuq il-bieba tal-vettura u qabbdet qasrija u kissritlu l-karozza. Meta huwa ipprova isuq il-karozza hija gibbdet il-pum tal-karozza u kissritu ukoll.

Illi l-imputata tikkontendi illi zewgha kien qieghed ighajjarha, jigri warajha b'salib u anke imbuttaha meta marret hdejn il-karozza tieghu tant illi waqghet fl-art. Tghid illi meta kien ser isuq minn fuq il-post kien ukoll ser itajjarha. Issostni illi xhieda ta' dan hemm missierha u xi gara li madanakollu l-Qorti qatt ma semghet x-xhieda taghhom.

Illi mic-certifikat mediku esebit fl-atti tal-kawza kif ukoll mill-istima tad-danni li sehhew fil-vettura tal-parti leza, jidher illi fil-fatt huwa sofra diversi griehi ta' natura hafifa kompatibbli mal-verzjoni tieghu illi l-imputata girrfithu waqt l-argument, kif ukoll illi l-vettura tieghu soffriet ukoll il-hsarat kompatibbli mal-ksur tal-windscreen u tal-pum tal-bieba tal-vettura. Dana huwa kompatibbli ukoll mal-verzjoni moghtija minn Amadeo Balzan illi l-imputata kisret il-windscreen tal-vettura u li ippruvat tigbed il-pum tal-bieba.

Illi finalment il-Qorti tqis li lanqas dak dispost fl-artikolu 235 tal-Kodici Kriminali ma gie ippruvat f'dana il-kaz. Illi mill-provi akwiziti jirrizulta illi l-argument li inqala' bejn il-konjugi Balzan sehh gewwa d-dar. Kien hawnhekk illi hija allegatament bdiet tigi ipprovokata minn zewgha. Jidher madanakollu illi hija u anke it-tfal keccew lil Amadeo Balzan 'il barra mid-dar u huwa fatt mhux ikkontestat illi huwa hareg 'il barra u irheliha lejn il-vettura tieghu sabiex jitlaq. Dana tghidu anke l-imputata meta isosstni illi hekk kif zewgha induna illi hija kienet qed iccempel lil missierha ghal assistenza, huwa telaq. Madanakollu l-imputata xorta wahda harget barra warajh, bdiet tghatti daqqiet ta' sieq fuq il-vettura waddbet il-qasrija u bdiet tigbed il-pum tal-karozza. Il-Qorti tqies illi l-imputata setghet fácilment f'dana il-punt dahlet lura gewwa d-dar u ghalqet il-bieb, gialadarba zewgha kien ser jitlaq, izda hija ma ghmlitx dana u tant kienet irrabjata ghalih illi baqghet sejra warajh sabiex tizvoga iktar ir-rabbja taghha. Dana certament ma jammontax ghal xi provokazzjoni ingusta u li sehh fil-mument ta'l-azzjoni li dwarha l-imputata qed tigi akkuzata u ghalhekk l-iskuzanti tal-provokazzjoni f'dana il-kaz ma giex ippruvat.

Illi d-difiza targumenta wkoll illi f'dana l-argument l-intenzjoni ta'l-imputata meta hija wadbet il-qasrija fid-direzzjoni tal-vettura ta' zewgha, kien illi taghmel hsara lil zewgha u mhux lil ventura u ghalhekk f'dana il-kaz ma tapplikax id-dottrina ta'l-hekk ismejjha "transferred malice" u li kwindi l-imputata ma tistax tinstab hatja li ikkagjonat hsara volontarja fuq il-proprjeta tal-parti leza ghaliex dina ma kenitx l-intenzjoni taghha. Bir-rispett kollu dana l-

argument ma jistax iregi. Illi fix-xhieda taghha stess l-imputata sahansitra tichad illi hija girrfet jew sawwtet lil zewgha ghalhekk jidher illi certament ma kellha l-ebda intenzjoni li twegghu. Ghaldaqstant dana l-argument ma isib l-ebda sostenn fill-provi migjuba f'dina l-kawza.

Illi finalment d-difiza issostni ukoll illi il-vettura li ghandu fil-pussess tieghu Amadeo Balzan tappartjeni lill-komunjoni ta'l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi u kwindi, l-imputata ma tista' qatt tigi misjuba hatja li ikkagjonat hsara fil-proprjeta taghha stess. Illi dana l-argument fil-kamp penali ma japplikax. Dana qed jinghad ghaliex ghas-sejbien ta' htija taht l-artikolu 325 ma huwiex necessarju illi l-parti leza tkun il-proprjetarja effettiva ta'l-oggett. Anke jekk hija ikollha il-pussess, tgawdija, kustodja jew kontroll ta'l-istess huwa bizzejjed. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Robert Portelli omissis deciza fl-20 ta' Marzu 2000, il-Qorti sostniet:

**"*Kif huwa ben saput, fir-reat ta' hsara volontarja ai termini ta'l-artikolu 325 tal-Kodici kriminali, mhux element rikjest ghat-twettiq u kompletezza ta' dana ir-reat li jkun maghruf min huwa l-proprjetarju ta'l-oggett danneggjat. Li trid il-ligi huwa li jkun jirrizulta li saret xi hsara volontarja fuq xi oggett li min-natura tieghu stess juri bic-car li huwa ta' terzi, fis-sens li ma kienx xi oggett abbandunat, u liema oggett ghandu xi forma ta' valur, ankhe jekk sidu jibqa' injot*."**

Illi ghalhekk huwa bizzejjed ghal prosekuzzjoni illi jirnexxielha tipprova illi saret xi hsara fuq xi oggett li jidher illi ma huwiex xi oggett abbandunat u li l-oggett ghandu xi forma ta' valur. Illi f'dana il-kaz jirrizulta mill-provi illi l-vettura in kwistjoni indubbjament tintuza mill-parti leza. Illi mhux biss tintuza minnu, izda huwa ukoll ghandu interess bhala sid f'dana l-oggett. Illi ghalkemm ghalhekk l-imputata tikkontendi illi hija proprjetarja ukoll ta' dina l-vettura, madanakollu jidher illi zewgha wkoll huwa ko-proprjetarju taghha u inoltre huwa ghandu it-tgawdija ta'l-istess u dana ghall-inqas fiz-zmien illi sehh dana ir-reat. Illi hekk kif ko-proprjetarju jista jigi misjub hati tar-reat ta' serq

jekk huwa jisraq sehem il-koproprjetarju l-iehor, hekk ukoll huwa jista’ jigi misjub hati ta’ hsara volontarja jekk jaghmel hsara fuq oggett li haddiehor ghandu sehem tieghu ukoll. Illi finalment jirrizulta bhala fatt mhux ikkontestat illi l-ammont tal-hsara ikkagjonata f’dana l-incident kienet tammonta ghal €831.17 u dana skond kif jirrizulta mid-Dokument SB3 a fol.21 tal-process.

Illi ghar-rigward ta’l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputata u cioe’ dik li taqa’ taht l-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jidher illi dina inghatat bhala kap alternattiv ghall-ewwel zewg akkuzi u ghalhekk dina l-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’l-istess.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa ta’l-imputata izda fuq kollox il-fatt illi dana l-akkadut kollu inqala’ minhabba disgwid matrimonjali ezistenti bejn il-koppja Balzan li qed iwassal ghal firda konjugali ta’ bejniethom. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi piena karcerarja effettiva ma hijiex idonja ghal dana il-kaz, bit-tama illi l-konjugi Balzan igharrfu jeghlbu dawn il-problemi u dana ghal gid ahhari ta’ uliedhom.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 221(1), 222(1)(a), 325 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza peress illi dina inghatat bhala kap alternattiv ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet, issibha hatja tal-kumplament u tikkundannaha ghal perijodu ta’ tmien xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, dana il-perijodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina is-sentenza.

Il-Qorti finalment, wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed torbot lil hatja b’garanzija

personali fil-konfront ta' Amadeo Balzan ghal zmien sena mil-lum u dana taht penali ta' hames mitt ewro.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------